



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, il-15 ta' Jannar 2020

L-ekodisinn u t-tikketti tal-enerġija tal-UE qed itejbu l-effiċjenza fl-enerġija, jgħidu l- Awdituri

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija kkontribwiet għal effiċjenza akbar fl-enerġija. Madankollu, kien hemm dewmien sinifikanti fil-proċess regolatorju u kien hemm riskju li l-impatt tal-politika jiġi stmat b'mod eċċessiv. L-awdituri jgħidu li, barra minn hekk, in-nuqqas ta' konformità mar-regolament mill-manifatturi u mill-bejjiegħa bl-imnut għadu problema sinifikanti.

Bħala parti mill-ġlieda tagħha kontra t-tibdil fil-klima, l-UE hija impenjata li ttejjeb l-effiċjenza tagħha fl-enerġija b'20 % sal-2020 u bi 32.5 % sal-2030. Biex tgħin biex jinkisbu dawn il-miri, il-Kummissjoni Ewropea ħadet miżuri li jiffukaw fuq id-disinn aktar ekoloġiku tal-prodotti (l-ekodisinn) u l-informazzjoni tal-konsumaturi dwar il-konsum tal-enerġija u l-prestazzjoni ambjentali (it-tikkettar tal-enerġija).

L-awdituri kkonfermaw li l-Kummissjoni kienet użat metodoloġiji sodi u trasparenti biex tagħżel il-prodotti regolati. B'konsegwenza ta' dan, il-politika tal-UE tat prijorità lil aktar minn 30 grupp ta' prodotti li kellhom l-ogħla potenzjal ta' ffrankar tal-enerġija. Fl-istess ħin, l-awdituri osservaw li fil-proċess regolatorju kien hemm dewmien li seta' jiġi evitat, u li b'hekk tnaqqas l-impatt tal-politika billi r-rekwiżiti tal-ekodisinn x'aktarx kienu antikwati u t-tikketti tal-enerġija ma kinux għadhom rilevanti biex jgħinu lill-konsumaturi jiddistingwu bejn dawk il-prodotti bl-aħjar prestazzjoni u dawk bl-aħjar prestazzjoni. Sadanittant, il-Kummissjoni qed tieħu passi biex ittejjeb it-tikketti tal-enerġija. L-awdituri jgħidu li, madankollu, l-integrazzjoni tal-ekonomija ċirkolari tibqa' *ad hoc*.

Il-Kummissjoni regolarment tirrapporta dwar ir-riżultati tal-politika tagħha dwar l-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija. Madankollu, xi suppożizzjonijiet li ntużaw x'aktarx li stmaw l-impatt tal-politika b'mod eċċessiv. Pereżempju, huma ma jaqisux in-nuqqas ta' konformità mar-regolamenti, u lanqas id-dewmien fl-implimentazzjoni. Barra minn hekk, il-Kontabbiltà tal-Impatt tal-Ekodisinn (EIA) ma tiħux inkunsiderazzjoni d-differenza bejn il-konsum teoretiku meħud minn standards armonizzati u l-konsum tal-enerġija fil-ħajja reali. Pereżempju, il-friġġ friżers jiġu ttestjati

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

mingħajr ma jinfetħu l-bibien u mingħajr ikel ġewwa. L-awdituri jwissu li, b'hekk, hemm riskju li l-iffrankar jiġi stmat b'mod eċċessiv.

Fl-Istati Membri tal-UE, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq (MSAs) huma responsabbli biex jiżguraw li l-prodotti li jinbiegħu fit-territorju tagħhom ikunu konformi mal-leġiżlazzjoni tat-tikkettar tal-enerġija u l-ekodisinn. Madankollu, il-Kummissjoni għandha rwol importanti fl-iffaċilitar tal-kooperazzjoni bejn l-MSAs. Is-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni dwar is-sorveljanza tas-suq hija maħsuba biex tgħin il-kondiviżjoni tar-riżultati, għalkemm xi limitazzjonijiet funzjonali jnaqqsu l-effettività tagħha.

L-awdituri jgħidu li l-Kummissjoni ffinanzjat ukoll bosta proġetti matul l-aħħar 10 snin biex issaħħaħ is-sorveljanza tal-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija, b'riżultati pożittivi. Madankollu, għad hemm dubju jekk dawn bidlux verament il-mod kif l-Istati Membri jwettqu d-dmirijiet tagħhom tas-sorveljanza tas-suq. Fil-prattika, l-għadd ta' mudelli ta' prodotti li jiġu ttestjati fil-laboratorji għadu relattivament baxx. B'mod ġenerali, reċentement il-Kummissjoni stmat li minn 10 sa 25 % tal-prodotti mibjugħa ma jikkonformawx mad-dritt tal-UE. L-awdituri jikkonkludu li n-nuqqas ta' konformità mill-manifatturi u mill-bejjieġha bl-imnut għadu problema sinifikanti.

Sabiex jissaħħaħ l-impatt tal-politika dwar l-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija għall-perjodu wara l-2020, l-awdituri jagħmlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea li jkopru:

- miżuri biex iħaffu l-proċess regolatorju, pereżempju billi jiġu adottati miżuri ta' implimentazzjoni meta jkunu lesti, aktar milli meta pakkett ikun komplet;
- titjib fil-mod kif l-impatt tal-politika jitkejjel u jiġi rrapportat, billi jittejjbu s-suppożizzjonijiet u billi tintuża metodoloġija li tkejjel il-konsum reali tal-enerġija mill-utenti finali; u
- azzjoni biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri u biex ittejjeb il-konformità mal-politika. F'dan il-kuntest iridu jitjiebu wkoll l-għodod rilevanti għall-Istati Membri, it-tixrid tal-aħjar Prattiki u l-forniment ta' taħriġ fuq talba.

Noti lill-Edituri

L-ekodisinn u t-tikketti tal-enerġija huma komplementari:

- il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ekodisinn taħdem billi tistabbilixxi rekwiżiti tal-effiċjenza fl-enerġija u rekwiżiti oħra għad-disinn tal-prodotti, biex b'hekk ittejjeb il-prestazzjoni ambjentali. Il-prodotti li ma jissodisfawx dawn ir-rekwiżiti ma jistgħux jinbiegħu fl-UE, u b'hekk il-prodotti bl-aġħar prestazzjoni jitneħħew mis-suq.
- It-tikketti tal-enerġija tal-UE juru kif apparat jikklassifika fuq skala minn A sa G skont il-konsum tal-enerġija tiegħu. Huma jistmaw l-enerġija annwali kkunsmata minn kull prodott u jikklassifikaw prodotti simili skont il-klassi tal-effiċjenza fl-enerġija tagħhom. Dan jippermetti lill-konsumaturi biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati.

Ir-Rapport Speċjali Nru 1/2020 "L-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija: il-kontribut importanti għal effiċjenza akbar fl-enerġija tnaqqas minn dewmien sinifikanti u nuqqas ta' konformità" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet ikkonċernati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li nagħmlu fir-rapporti tagħna jiddaħħlu fil-prattika.

Kuntatt għall-Istampa għal dan ir-rapport

Vincent Bourgeois – E: vincent.bourgeois@eca.europa.eu

T: (+352) 4398 47502 / M: (+352) 691 551 502